# Il-Banda San Filep tieħu sehem fil-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1870



Mija u ħamsa u għoxrin sena ilu, il-Banda San Filep tat servizz mużikali, kontribuzzjoni lill-Fratellanza ta' San Ġużepp, għall-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp li ġiet iċċelebrata dik is-sena fil-Parroċċa Arċipretali ta' San Filep. Il-Banda San Filep kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Tagħha, Mro Giuseppe Borg.

Marbuta ma' din il-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1870, insibu li l-Fratellanza ta' San Ġużepp waslitilha l-Istatwa ta' dan il-qaddis f'Ħaż-Żebbuġ. Din l-istatwa hi waħda mill-isbaħ statwi ta' dan il-qaddis li hawn f'Malta, u hi xogħol ta' Ġlormu Darmanin (1834-1879).

Okkażjoni oħra importanti li ġrat fis-sena 1870, dejjem ghar-rigward ta' dan il-qaddis kbir hi l-Proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala l-Patrun Universali tal-Knisja, mill-Papa Piju IX.

Il-festa ta' San Ġużepp ma kienet marbuta ma' l-ebda banda jew Każin f'Ħaż-Żebbuġ, u fi żmien meta ma kien jeżisti xejn ħlief il-Knisja u l-Każin, il-Banda San Filep kienet tieħu sehem f'dak kollu li kien isir ġor-raħal. In-nies kienet tinġabar u tingħaqad madwar il-banda tagħhom. Kull sena l-Każin kien jinxtegħel bit-tazzi taż-żejt u dan jidher fil-ktieb tal-kaxxier tal-Każin San Filep, u mas-sehem tal-Banda dan baqa' jsir sakemm din il-festa allura ntrabtet mas-Soċjetà Banda De Rohan.

Fis-sena 1970, ħamsa u għoxrin sena ilu, għall-okkażjoni ta' l-ewwel ċentinarju mill-Proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala l-Patrun Universali tal-Knisja, u fl-okkażjoni tal-miġja ta' l-istatwa ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ, il-Banda San Filep ġiet mistiedna mill-Każin San Ġużepp u mill-Banda De Rohan biex tieħu sehem.

Il-Banda San Filep ħadet sehem billi għamlet marċ minn pjazza Muxi sal-Pjazza fejn hemmhekk tat Programm strumentali mill-aqwa taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro. Philip Gatt F.L.C.M., A.R.C.M.



Aprile 1870.

Il giuoco d'artificio e la banda di S. Filippo diritta dal Mro. Giuseppe Borg, nella serata della Festa di S. Giuseppe, e altri due servizi si fece per contribuzione alla Confraternita' di San Giuseppe.